# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ħamis, 14 ta' Ottubru 2021**

**Talba Nru: 25/20 JG**
**Numru fuq il-lista: 1**

**SPB 121 Court Limited (C 80917)**

**Vs**

**Raymond Cini Building Construction Limited (C 82763) u Raymond Cini (K.I. 469283(M))**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-23 ta' Jannar 2020, permezz ta' liema, is-soċjetà attriċi talbet lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenuti jħallsu l-ammont ta' ħamest elef Ewro (€5,000) rappreżentanti ammont li tħallas sabiex

jinbeda xogħol t'appalt, liema xogħol qatt ma nbeda. Intalbu wkoll l-ispejjeż tal-proċeduri u ta' ittra uffiċjali[1];

Ra d-dokumenti annessi mal-Avviż tat-Talba;

Ra d-digriet mogħti mil-Onor. Prim Imħallef ta' nhar it-28 ta' Ottubru 2020 tramite liema din it-talba ġiet assenjata lil dan it-Tribunal kif presedut[2];

Ra lill-konvenuti debitament notifikati[3], naqsu milli jippreżentaw risposta fit-terminu li trid il-liġi u li jirreġistraw dehra f'dawn il-proċeduri. B'hekk ġew dikjarati li waqgħu fi stat ta' kontumaċja hekk kif reġistrat fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2021[4];

Sema' x-xhieda ta' Sergi Gubar[5];

Ra n-nota tas-soċjetà attriċi ppreżentata fit-2 ta' Lulju 2021 kontenenti żewġ dokumenti[6];

Ra li għalkemm s-soċjetá attriċi u l-konvenuti ngħataw żmien sabiex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom, huma naqsu milli jagħmlu dan;

Ra l-atti proċesswali kollha;

[1] A fol 1 *et seq.*
[2] A fol 19.
[3] Wara li ġiet iffinalizzata l-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni.
[4] A fol 34.
[5] Seduta tat-28 ta' Ġunju 2021.
[6] Nota tinsab a fol 38 tal-proċess.

**Ikkunsidra;**

Illi kif diġa ġie indikat fir-riassunt magħmul hawn fuq, l-konvenuti f'dawn il-proċeduri naqsu milli jsegwu d-dettami ta' żewġ regoli kardinali fi proċedimenti quddiem dan it-Tribunal u għalhekk ġew dikjarati li waqgħu fi stat ta' kontumaċjà.

Illi kif in huwa ben risaput, dan il-fatt ma jistax jiġi ekwiparat bħala ammissjoni, u għalhekk it-Tribunal huwa xorta mitlub jevalwa l-provi kollha prodotti[7].

Illi t-Tribunal ikollu jistqarr li l-provi f'dawn il-proċedimenti kienu kemxejn skarsi. Kien ikun ferm aktar għaqli li l-kuntratt t'applat relattiv jiġi eżibit fl-intier tiegħu (u mhux sempliċmenet l-ewwel faċċata). Fl-istess ħin, il-perit Gilbert Bartolo seta' faċilment jittellà sabiex jixhed dwar il-fatt li kien hu li tħallas minn għand is-soċjetà attriċi sabiex jgħaddi dan il-pagament. Tassew, huwa minnu li dan it-Tribunal huwa marbut u animat, sa ċertu punt, sabiex jaqtà l-kawżi b'ammont ta' ekwità, u li wkoll m'huwiex marbut mal-aqwa prova iżda dan il-kejl m'għandux jissarraf f'informaliżmu eżaġerat[8].

Illi madanakollu, iqis li ma ngħata l-ebda raġuni l-għala dak sottomess mir-rappreżentant tas-soċjetà attriċi, anke wkoll fid-dawl tal-komportament tiegħu

---

[7] *Vide* f'dan is-sens dak li seħħ u ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Absolute Services Limited vs Stefan Darmenia** (Appell Ċivili (Inferjuri) Nru: 273/2019/1) deċiża fil-11 ta' Novembru 2020.

[8] Dan it-Tribunal, diversament presedut, ilu issa għal snin sħaħ jissenjala dan il-perikolu. Fost ħafna, wieħed huwa mistieden jara dak li ntqal fil-provvediment **Vodafone Malta Limited vs Zisa Logistics Malta Limited** (Tlb Nru: 49/2018KCX) deċiża minn dan it-Tribunal kif hemm presedut nhar il-10 ta' Lulju 2019. Dik is-sentenza ġiet riferuta wkoll fis-sentenza ta' dan it-Tribunal fl-ismijiet **Antoinette Duffin vs Shaun Zammit** (Tlb Nru: 548/2018) mogħtija nar is-16 t'' Settembru 2021.

fuq il-pedana tax-xhieda[9], m'għandux jitwemmen, u dan ukoll wara analiżi tad-dokumenti ppreżentati u b'hekk sejjer jgħaddi sabiex jilqa' t-talba. Dan peró sejjer iseħħ biss fil-konfront tas-soċjetá konvenuta.

Illi mill-provi prodotti, jirriżulta ċar li r-relazzjoni ġuridika tas-soċjetá attriċi kienet biss mas-soċjetà konvenuta. Huwa ben magħruf li l-leġittimita' tal-persuna tista' titqajjem *ex officio*[10] u t-Tribunal iħoss li dan għandu jsir fil-preżenti deċiżjoni. Il-konvenut ġie hekk indikat f'ismu personali meta dak li qiegħed jintalab jemerġi minn bidu ta' relazzjoni emerġenti minn kuntratt t'appalt li sar bejn is-soċjetajiet biss. Dak il-kuntratt huwa ċar u ma jagħti lok għall-ebda interpretazzjoni. Il-konvenut deher biss bħala rappreżentant tas-soċjetà

[9] F'dan is-sens issir referenza għal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Victor Borg Barthet vs Carnik Construction Limited,** (App Ċiv Nru: 1431/2002/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-13 ta' Ottubru 2008 fejn intqal hekk: "*Infatti jirrizulta li, apparti mill-affidavits inizjali, il-provi kollha nstemghu mill-gudikant li eventwalment ippronunzja is-sentenza. Konsegwentament dak il-gudikant kien f'posizzjoni ferm aktar vantaggjuza minn din il-Qorti li trid tevalwa l-provi testimonjali sempliciment a bazi tat-traskrizzjoni xotta xotta tax-xiehda. Ghandu jigi rilevat li lewwel Qorti li tat is-sentenza setghet tosserva kontinwament matul il-gbir tal-provi l-komportament taxxhieda waqt li huma kienu qeghdin jiddeponu quddiemha. Huwa maghruf illi l-komportament ta' xhud waqt li huwa jiddeponi jista' jaghti hjiel tajjeb hafna lill-gudikant, attent u ta' l-esperjenza, dwar il-veracita` o meno ta' dak li l-istess xhud ikun qieghed jiddeponi. Dana l-aspett difficilment jista' jigi rifless fit-traskrizzjoni tax-xiehda izda gudikant ta' esperjenza li jkun qieghed jisma' xhud generalment ikun ghassa ghall-'body language' tax-xhud, bhal ezitazzjonijiet fil-vuci tieghu, l-espressjoni ta' ghajnejh, u movimenti li jkun qieghed jaghmel waqt li jixhed u cirkostanzi ohra li ma ssibhomx fit-traskrizzjoni tax-xiehda, liema indikazzjonijiet jghinu hafna lill-gudikant biex jasal ghad-decizjoni tieghu dwar il-veracita` o meno ta' dik ix-xiehda"*

[10] F'dan is-sens issir referenza għal dak ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Eduardo Grech, quale Presidente della Filarmonica "Sta. Maria" di Musta vs Negoziante Francesco Darmanin**, Qorti tal-Kummerċ, mogħtija fil-15 ta' Jannar 1907 f'liema sentenza intqal hekk: *"Che, come e stato ritenuto dalla Corte di Appello nella causa "Dr. Naudi versus Geoghegan" 30 Novembre 1903, l'eccezione di illegittimitá di persona non é eccezione dilatoria, ma perentoria, opponibile in qualunque stadio del giudizio anche in seconda istanza e la quale pu'essere dalla Corte sollevata ex officio".* Din is-sentenza ġiet ċitata b'approvazzjoni fis-sentenzi fl-ismijiet, **Anthony Gauci vs Modern Circuits Limited** (Ċit Nru: 107/2000/1) mogħtija fil-5 ta' Ottubru 2006, **Marina Holdings Limited vs Kummissarju tat-Taxxi Interni** (Rik Nru: 516/2005), mogħtija fis-7 ta' Frar 2008 u **Vassallo Builders Group Limited vs John A. Said pro et noe (Ċit Nru: 2092/1998/1)** mogħtija fil-5 ta' Ottubru 2010 ilkoll mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Imħallef Joseph R Micallef.

konvenuta. Għalhekk il-konvenut f'ismu personali għandu u qiegħed jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi filwaqt li jillibera lill-konvenut Raymond Ċini f'ismu personali mill-osservanza tal-ġudizzju, jilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi fil-konfront biss tas-soċjetà konvenuta u jikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' ħames t'elef Ewro (€5,000) bl-imgħax legali mit-23 ta' Jannar 2020[11] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, iżda mhux dawk tal-ittra uffiċjali imsemmija fl-Avviż[12] u salv għal dawk tal-konvenut Raymond Ċini f'ismu personali li għandhom ikunu a kargiu tas-soċjetà attriċi, jitħallsu mis-soċjetà konvenuta.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

[11] Data tal-preżentata tal-proċeduri odjerni. Għalkemm saret referenza għall-ittra uffiċjali din ma ġietx eżebita fl-atti u għalhekk ma tistaħx tittieħed in kunsiderazzjoni ai fini ta imgħax.
[12] Minħabba l-istess raġunament mogħti fin-nota 11.